



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' April 2021
(OR. en)

7396/21
ADD 1
LIMITE
PV CONS 3
AGRI 159
PECHE 104

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Agrikoltura u Sajd)
22 u 23 ta' Marzu 2021

KONTENUT

Pàġna

Affarijiet oħra

9.	<u>Agrikoltura</u>	
b)	Ħtieġa ta' fondi addizzjonali biex jiġi appoġġat is-settur tal-inbid affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tariffi tal-Istati Uniti.....	3
	ANNEX - Dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill.....	4

9. Agrikoltura

b) **Ħtieġa ta' fondi addizzjonali biex jiġi appoġġat is-settur tal-inbid affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tariffi tal-Istati Uniti**

7048/21

Informazzjoni mid-delegazzjoni Spanjola, fisem id-delegazzjoni Awstrijaka, Bulgara, Kroata, Ċiprijotta, Ċeka, Franċiża, Griega, Ungeriża, Taljana, Maltija, Rumena, Slovakka, Slovena u Spanjola

Il-Kunsill ħa nota tad-dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, Malta, ir-Rumanija, is-Slovakkja, is-Slovenja u Spanja dwar il-ħtieġa ta' fondi addizzjonali biex jiġi appoġġat is-settur tal-inbid affettwat mill-kriżi tal-COVID-19 u t-tariffi tal-Istati Uniti (dok. 7048/21).

Il-Kunsill ħa nota wkoll tal-kummenti addizzjonali magħmula minn xi delegazzjonijiet u r-reazzjoni mill-Kummissjoni.



Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni

Dikjarazzjonijiet għall-punti "B" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 6866/21

Dwar il-punt "B"
nru 3:

Regolament tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) 2021/92 fir-rigward ta' ċerti opportunitajiet tas-sajd għall-2021 fl-ilmijiet tal-Unjoni u f'dawk mhux tal-Unjoni
(Bażi legali proposta mill-Kummissjoni: l-Artikolu 43(3) TFUE)
Qbil politiku

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI

Dwar stokkijiet kondiviżi ġestiti taħt TACs proviżorji

"It-TACs proviżorji ġew stabbiliti biex l-attivitajiet tas-sajd tal-flotot tal-UE jkunu jistgħu jtkomplew waqt li ma jippreġudikawx l-eżitu tal-konsultazzjonijiet li għaddejjin mar-Renju Unit. F'April 2021, il-Kummissjoni ser tivvaluta s-sitwazzjoni tal-istokkijiet kondiviżi mar-Renju Unit soġġetti għat-TACs proviżorji. Il-Kummissjoni, abbażi tal-użu tal-kwoti rrapportati mill-Istati Membri, ser tagħmel rendikont u tinkludi suġġerimenti rilevanti dwar il-passi li jmiss u r-reviżjonijiet possibbli tal-livelli tat-TAC proviżorji, speċjalment fir-rigward tal-istaġjonalità tal-attivitajiet tas-sajd u "sitwazzjonijiet ta' kwoti limitanti", sabiex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tal-Istati Membri, u/jew biex jiġu stabbiliti TACs definittivi".

Dwar it-tnaqqis ta' eżenzjoni għal ċerti TACs fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak

"Wara kjarifika ulterjuri mid-Danimarka, il-Ġermanja, in-Netherlands u l-Belġju dwar il-ħatt l-art u l-qbid skartat fl-2020 ta' ċerti stokkijiet, inkluż il-barbun tat-tbajja' u l-merlangu minn bastimenti li għandhom ikunu eżentati mill-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u fi Skagerrak fl-2021, il-Kummissjoni, jekk ikun xieraq, ser tikkunsidra li tippreżenta proposta għal emenda matul is-sena tar-Regolament dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2021 li taġġusta l-livell tat-TACs rilevanti biex titqies ir-rata riveduta ta' skartar permess".

Dwar il-Merluzz tan-Norveġja

"Wara l-eżitu tal-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u n-Norveġja, ma kienx hemm qbil dwar trasferimenti ta' kwoti tal-merluzz tan-Norveġja lin-Norveġja. Għalhekk, l-ammont riżervat għan-Norveġja ma ġiex allokati. Wara l-eżitu tal-konsultazzjonijiet bejn l-UE u r-Renju Unit, il-Kummissjoni ser tivvaluta mill-ġdid u, jekk ikun xieraq, tippromponi l-allokazzjoni tal-bqija tal-Merluzz tan-Norveġja biex tippermetti li s-sajd jibda f'Settembru".

Dwar il-kapaċità tat-trobbija tat-tonn ta' Malta

"Il-Kummissjoni tista' tikkonferma li temmet l-eżami tagħha tat-talba ta' Malta biex iżżid il-kapaċità ta' input għall-farms tat-tonn tagħha u li hija lesta tirrevedi l-kapaċità tat-trobbija għal Malta fl-emenda li jmiss ta' matul is-sena tal-Opportunitajiet tas-Sajd.

Fl-istess ħin, il-Kummissjoni tħeġġeġ bil-qawwa lil Malta biex tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tiżgura li l-kontroll u l-infurzar li tagħmel fuq l-attivitajiet tat-trobbija tat-tonn ikunu effettivi".

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-POLONJA U L-KUMMISSJONI

Dwar il-merluzz ta' Svalbard

"Il-Polonja u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu li s-sena 2020 kienet sena deċiżiva fil-kuntest tal-ġestjoni u l-aċċess għad-drittijiet tas-sajd fl-Atlantiku tat-Tramuntana, b'mod partikolari minħabba l-impatt tal-Brexit u l-konsegwenzi tal-allokazzjoni l-għdida tal-ishma tal-kwoti skont it-TCA, inkluż għall-merluzz ta' Svalbard.

Il-Kummissjoni Ewropea flimkien mal-Polonja ser tikkoopera fi spirtu kostruttiv, inkluż mal-Istati Membri l-oħra, u ser tesplora soluzzjonijiet xierqa sabiex tirrifletti fuq id-drittijiet tal-Istati Membri, filwaqt li żżomm f'moħħha l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva".

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MINN SPANJA, FRANZA, IL-ĠERMANJA, IL-PORTUGALL U L-KUMMISSJONI

Dwar il-merluzz ta' Svalbard

"Spanja, Franza, il-Ġermanja, u l-Portugall u l-Kummissjoni Ewropea jirrikonoxxu li s-sena 2020 kienet sena deċiżiva fil-kuntest tal-ġestjoni u l-aċċess għad-drittijiet tas-sajd fl-Atlantiku tat-Tramuntana, b'mod partikolari minħabba l-impatt tal-Brexit u l-konsegwenzi tal-allokazzjoni l-għdida tal-ishma tal-kwoti skont it-TCA, inkluż għall-merluzz ta' Svalbard.

Il-Kummissjoni Ewropea flimkien ma' Spanja, Franza, il-Ġermanja u l-Portugall ser tikkoopera fi spirtu kostruttiv, inkluż mal-Istati Membri l-oħra, u ser tesplora soluzzjonijiet xierqa sabiex tirrifletti fuq id-drittijiet tal-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju ta' stabbiltà relattiva".

DIKJARAZZJONI MILL-KUMMISSJONI U L-KUNSILL

"Il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni bejn ir-Renju Unit u l-UE (minn hawn 'il quddiem it-TCA) daħal fis-seħħ proviżorjament fl-1 ta' Jannar 2021.

It-TCA jistabbilixxi, fl-Anness FISH.2 tiegħu, l-ishma miftiehma bejn ir-Renju Unit u l-UE, ta' dawk li qabel kienu l-qabdiet totali permissibbli tal-UE f'diversi tipi ta' sajd. Dan kien jinkludi ishma f'erba' tipi ta' sajd għal stokkijiet regolati mill-ICCAT, u notevolment irriżulta fi trasferiment ta' 0,25% lir-Renju Unit tas-sehem tal-kwota tal-UE għall-istokk tat-tonn tal-Atlantiku tal-Grigal.

Sabiex tiġi ffaċilitata implimentazzjoni rapida tat-TCA fir-rigward tat-trasferiment tal-ishma tal-ICCAT għat-tonn lir-Renju Unit, il-kompromess tal-Presidenza għandu jiġi implimentat għall-2021 biss u l-metodoloġija applikata bl-ebda mod ma għandha tikkostitwixxi preċedent".

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ĠERMANJA U L-KUMMISSJONI

Dwar kwantitajiet riżervati għal konsultazzjonijiet bilaterali mal-Gżejjer Faroe

"Il-kwantitajiet riżervati għal konsultazzjonijiet bilaterali mal-Gżejjer Faroe huma mingħajr preġudizzju għall-kwantitajiet li jistgħu attwalment jintużaw għall-iskambji, li ser jiġu ddeterminati skont il-proċeduri xierqa. Il-kwantitajiet mhux użati ta' ħalibatt ta' Greenland ser jiġu allokatil lill-Ġermanja skont il-prinċipju ta' stabbiltà relattiva fl-emenda li jmiss għar-Regolament dwar l-Opportunitajiet tas-Sajd għall-2021".

DIKJARAZZJONI MILL-BELĠJU, ID-DANIMARKA, FRANZA, IL-ĠERMANJA U N- NETHERLANDS

Fuq tnaqqis minn fuq għal isfel għal stokkijiet trilaterali u stokkijiet bilaterali man-Norveġja

"L-Istati Membri (il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Ġermanja, in-Netherlands) jiddispijaċihom li l-Kummissjoni ppreżentat l-approċċ u l-kalkoli tagħha dwar tnaqqis minn fuq għal isfel għal stokkijiet trilaterali u stokkijiet bilaterali man-Norveġja fi stadju tard. Il-metodoloġija użata mill-Kummissjoni għandha effetti diretti fuq l-opportunitajiet tas-sajd u għalhekk għandha l-ewwel tiġi diskussa fil-livell tekniku.

L-Istati Membri jikkonkludu li ma japprovawx il-metodu ta' kalkolu użat għall-istokkijiet tal-barbun tat-tbajja' u l-merlangu minħabba li ser iwassal għal tnaqqis sproporzjonat u sitwazzjonijiet ta' speċi bi kwota limitanti.

Huma jitolbu li jsiru diskussjonijiet tekniċi bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri kkonċernati, sabiex jiddiskutu l-metodoloġija u r-riżultati. Il-livell ta' dawn it-TACs għandu mbagħad jiġi rivedut kif xieraq malajr kemm jista' jkun u, l-aktar tard, meta l-ftehim mar-Renju Unit jiġi konkluż u traspost fil-leġiżlazzjoni tal-UE b'emenda għar-regolament dwar it-TAC u l-kwoti. L-Istati Membri jitolbu li l-Kummissjoni tiegħu nota xierqa tal-metodoloġija użata min-Norveġja u r-Renju Unit biex tiżgura kundizzjonijiet uguali għas-sajjieda tal-UE".

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" mhux leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 6973/21

Dwar il-punt "A"
nru 8:

Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... tad-29.1.2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ġbir tad-data dwar il-volum tal-bejgħ u dwar l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali
Att delegat - Intenzjoni li ma jitqajmx oġġezzjonijiet

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka hija kompletament konxja mis-serjetà tar-riskji assoċjati mar-reżistenza tal-mikroorganiżmi għal medikamenti antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja u umana. Ilna żmien twil involuti b'mod attiv f'attivitajiet internazzjonali mmirati lejn l-eliminazzjoni ta' dan il-fenomeni.

F'dan il-kuntest, napprezzaw bis-sħiħ l-importanza ta' ġbir ta' data dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi għar-razzjonalizzazzjoni tal-użu u t-tnaqqis tal-użu f'din il-kategorija ta' mediċini. B'hekk, innaqqsu r-riskju ta' reżistenza mikrobika għall-mediċini disponibbli. F'konformità ma' dan l-approċċ, ir-Repubblika Ċeka tilqa' kwalunkwe progress li sar fis-sistema ta' ġbir ta' data dwar il-bejgħ u l-użu tal-antimikrobiċi fil-mediċina veterinarja kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Napprezzaw il-kontribut tar-Regolament (UE) 2019/6 u l-atti delegati u ta' implimentazzjoni tiegħu għall-armonizzazzjoni tal-prattiki ta' ġbir fi Stati Membri differenti. Dan jinkludi r-**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... tad-29.1.2021 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-rekwiżiti għall-ġbir tad-data dwar il-volum tal-bejgħ u dwar l-użu ta' prodotti mediċinali antimikrobiċi fl-annimali**, li r-Repubblika Ċeka fl-aħħar tista' tappoġġa.

Madankollu, fl-istess ħin, aħna konxji li l-proċess tal-unifikazzjoni ta' sistemi ta' ġbir ta' data mhuwiex mingħajr l-iżvantaġġi tiegħu, hekk kif jaffettwa firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati minn ambjenti differenti f'termini ta' Prattika ttestjata tul iż-żmien u interessi strateġiċi. L-għan fit-tul tagħna huwa li nfasslu sistema ta' ġbir ta' data mmirata lejn il-kisba effettiva tal-għan biex nippermettu, b'mod partikolari, l-evalwazzjoni diretta jew indiretta tal-użu ta' tali prodotti f'annimali li jipproduċu l-ikel fil-livell ta' azjenda agrikola (kif previst fir-Regolament 2019/6, Artikolu 57) b'piż amministrattiv u spejjeż finanzjarji verament meħtieġa biss. F'dan il-kuntest, tqajjem tħassib dwar dispożizzjoni tal-Artikolu 11, Paragrafu 2, fejn ma ngħatax spazju suffiċjenti għad-diskussjonijiet lill-esperti matul it-tnejn tal-att delegat. Aħna esprimejna r-riżervi tagħna fin-nota WK 2860/2021 REV 1.

Nixtiequ b'dan niringrazzjaw lill-Presidenza talli pprovdiet opportunità biex jiġi diskuss ir-regolament delegat inkwistjoni matul il-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tas-CVO li saret fl-10 ta' Marzu 2021. L-ispejgazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-formulazzjoni tal-Artikolu msemmi, kif ukoll dwar l-applikazzjoni tiegħu fil-prattika, mogħtija f'din il-laqgħa, eliminaw it-tħassib tagħna u r-Repubblika Ċeka tista' tappoġġa l-att delegat imsemmi hawn fuq. Aħna nqisu l-flessibbiltà ddikjarata fil-metodu ta' ġbir ta' data, li ġiet miżmuma għall-Istati Membri, bħala element essenzjali tad-dispożizzjoni. Ir-Repubblika Ċeka ċertament ser tagħmel użu mill-flessibbiltà ddikjarata fl-irkupru u l-ġbir tad-data u ser tagħmel użu wkoll fil-futur mis-sistema funzjonali attwali tal-irkupru u l-ġbir tad-data dwar il-konsum tal-antimikrobiċi veterinarji, b'mod partikolari permezz tad-distributuri. Dan ser jippermettilna nżommu l-kontinwità tas-sistema u l-irkupru u l-ġbir ta' data fil-kwalità meħtieġa mingħajr ebda piż żejjed, element li aħna nqisu essenzjali."

Dwar il-punt "A"
nru 12:

Regolament tal-Kummissjoni (UE) .../... ta' XXX li jemenda l-Anness XVII għar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-idrokarburi aromatiċi poliċikliċi (PAHs) fi granuli jew mulches użati bħala materjal ta' mili fil-grounds tat-turf sintetiku jew fil-forma sfuża fil-grounds tal-logħob jew fl-applikazzjonijiet tal-isport

Deċiżjoni li ma jkunx hemm oppożizzjoni għall-adozzjoni

DIKJARAZZJONI MILL-ĠERMANJA

"Rigward id-deċiżjoni:

Il-Ġermanja vvutat kontra din ir-restrizzjoni fil-Kumitat REACH abbażi ta' argumenti tekniċi. Madankollu, skont il-valutazzjoni tagħna l-Kummissjoni la qabżet il-kompetenzi tagħhom u lanqas kisret l-għanijiet tar-regolament bażiċi jew kisret il-prinċipji tas-sussidjarjetà u l-proporzjonalità. Għalhekk, ma naraw l-ebda raġuni ġustifikabbli għal oġġezzjoni tal-kunsill.

Rigward it-traduzzjoni Ġermaniża:

Il-Ġermanja tassumi li l-verżjoni Ġermaniża tal-premessi ser tkun korretta kif ġej:

Fil-premessa 3, il-kelma "zusammengefasst" ser tiġi sostitwita minn "aufaddiert".

Fil-premessa 5 l-ewwel sentenza tinbidel kif ġej "Der Gefahren-Endpunkt der bei diesen acht PAK für die menschliche Gesundheit die größte Besorgnis bereitet ist Karzinogenität und die Fähigkeit, genotoxische Wirkungen auszulösen."

Fl-ewwel sentenza tal-premessa 9 tiżdied "und" wara "durchführen". Fl-aħħar sentenza tal-istess premessa, il-kelma "Vertreiber" tiġi sostitwita minn "Händler" u l-espressjoni "weiter verwenden" minn "weiterverwenden".

Fl-ewwel sentenza tal-premessa 10, "da" tiġi sostitwita minn "und" u l-kelma "allgemeinen" minn "breiten". Fl-aħħar sentenza tal-istess premessa, "allgemeine" tinbidel għal "breite".

Fil-premessa 11, "wonach" tiġi sostitwita minn "dass".

Fit-tieni sentenza tal-premessa 12, tiżdied "zu" wara "Materials".

Barra minn hekk il-Ġermanja tistenna li fil-kolonna tal-lemin tal-estensjoni tal-entrata 50 tal-Anness XVII taħt in-numru 13 l-espressjoni "genannten Zweck weiter verwendet werden" tiġi sostitwita minn "gleichen Zweck weiterverwendet werden". Barra minn hekk, il-kelma "polymerischen" taħt in-numri 14 a) u b) tiġi sostitwita minn "polymeren".

Dwar il-punt "A"
nru 14:

Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti appoġġ temporanju skont ir-Regolament (UE) 2020/672 lill-Estonja biex ittaffi r-riskji ta' qgħad fl-emerġenza wara t-tifqigħa tal-COVID-19
Adozzjoni

DIKJARAZZJONI MID-DANIMARKA

"Id-Danimarka tista' tapprova l-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti appoġġ temporanju lill-Estonja taħt ir-Regolament SURE, dment li, b'kont meħud tat-tweġibiet tal-Kummissjoni għall-mistoqsijiet li tqajmu waqt id-diskussjonijiet tekniċi, l-att ta' implimentazzjoni u l-ftehim ta' self bilaterali, ikunu konformi mad-drittijiet fundamentali tal-UE, inkluż in-nondiskriminazzjoni, li hija ta' prijorità għad-Danimarka."